# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju 2002**

**Numru**

**Citaz.  numru:  976/00 M1 NA**

**Walter Borg St. John**

**vs**

**Christine Borg St. John**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-18 ta' Mejju 2000 fejn ippremetta:

"Illi b'kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-31 ta' Ottubru 1996 (li kopja informali tieghu hija hawn esebita bhala Dokument "A") l-attur kien obbliga ruhu illi jhallas manteniment lill-martu l-konvenuta li accettat fis-somma ta' Lm180 (mija u tmenin lira Maltija) fix-xahar;

Illi bhal ma sejjer jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, kien hemm kambjament fil-mezzi ta' l-attur li issa huma kwazi ekwivalenti ghal manteniment kuntrattwali dovut minnu lill-martu u sahansitra, fix-xahar ta' April 2000 il-paga tieghu kienet inqas mill-manteniment hekk stabbilit;

Illi ghalhekk, l-attur jinstab fl-impossibbilita' li jadempixxi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu;

Illi b'rikorsipprezentat fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Novembru 1999 (li kopja tieghu hija hawn annessa bhala Dokument "B") il-konvenuta kienet talbet awtorizzazzjoni sabiex il-manteniment pagabbli lilha mill-attur jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-istess attur u jintbaghat lill-konvenuta mill-principal tieghu;

Illi permezz ta' digriet numru 106/2000 moghti fil-31 ta' Jannar 2000 is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet laqghet it-talba tal-konvenuta w ordnat li l-manteniment ta' Lm180 (mija u tmenin lira Maltija) fix-xahar kellha tithallas direttament mill-*employer* ta' l-attur lill-konvenuta (kopja tad-digriet huwa hawn anness bhala Dokument "C");

Illi b'rikors tas-17 ta' April 2000 l-attur kien talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet numru 106/2000 wara li ppremetta *inter alia* illi t-talba tal-konvenuta kienet eccediet il-kompetenza tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u dana peress illi s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti kienet gja giet konkluza permezz ta' kuntratt notarili. L-attur kien ukoll ippremetta illi l-kompetenza tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili f'dan ir-rigward hija llimitata ghal manteniment pagabbli *pendente lite* u mhux ghal manteniment stabbilit b'kuntratt notarili;

Illi b'digriet tal-10 ta' Mejju 2000 is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet cahdet it-talba ta' l-attur (kopja tad-digriet hija hawn annessa bhala Dokument "D");

Illi l-attur issa mhux qieghed jircievi s-salarju stante illi l-manteniment kif stabbilit huwa kwazi ekwivalenti ghal jew addirittura jeccedi s-salarju tieghu;

TALAB li, ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti:

1. tirrevoka d-digriet numru 106/2000 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2000;

2. tirrevoka d-digriet numru 653/2000 moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 2000;

3. tiddikjara illi huwa impossibbli ghall-attur li jhallas il-manteniment stabbilit kontrattwalment fl-att notarili tal-31 ta' Ottubru 1996 minhabba kambjament fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu;

4. tillikwida mill-gdid il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta wara li jittiehdu in konsiderazzjoni l-mezzi tieghu u l-bzonnijiet ta' l-istess konvenuta u tiddikjara illi l-manteniment hekk likwidat ghandu jiehu effett mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Christine Borg St. John tas-17 ta' Lulju 2000 fejn eccepiet:

1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt stante illi mhuwiex minnu illi l-attur ma ghandux mezzi finanzjarji biex ighaddi l-manteniment lill-martu l-konvenuta kif obbliga ruhu li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-31 ta' Ottubru 1996;

2. Illi ghaldaqstant il-Qorti ghandha tikkonferma d-digrieti moghtija mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u konsegwentement tordna illi l-manteniment dovut lill-konvenuta jitnaqqas mill-paga ta' l-attur;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza parzjali moghtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Settembru 2000 fejn gew milqugha l-ewwel zewg talbiet attrici. Rat id-diversi provvedimenti wkoll moghtija minn din il-Qorti tul l-andament ta' dawn il-proceduri.

Semghet u rat il-provi mressqa li jikkonsistu f'diversi dokumenti esebiti u xhieda moghtija, principalment fil-presenza tal-Qorti, pero' finalment ukoll quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dottor Beppe Fenech Adami li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2000 gie nominat biex jigbor dawk il-provi tal-konvenuta li din kien ghad fadlilha; semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-fatti ma tantx jista' jkun hemm kontestazzjoni serja. Il-partijiet kienu sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri tal-31 ta' Ottubru 1996. Skond il-klawsola 3(a) ta' dan il-kuntratt l-attur kien obbligat jivversa lill-martu bhala alimenti s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar, mija u tmenin lira Maltin (Lm180) ghaliha u ghoxrin lira Maltin (Lm20) ghat-tifel Clifford li dak iz-zmien kien ghadu minuri. Jirrizulta li dan l-ammont fl-intier tieghu ma thallas qatt. L-attur isostni illi kien accetta illi jhallas dan l-ammont biex jehles mill-inkwiet tas-separazzjoni minkejja illi dak iz-zmien ma kienx jahdem. Minn dak iz-zmien 'il hawn ghamel perjodu konsiderevoli jahdem mal-Lukanda Milano Due pero' llum huwa impjegat ma' Sovereign Hotels Limited

bhala *night receptionist* b'paga netta ta' circa tlett mitt lira Maltin (Lm300) fix-xahar, apparti minn *bonuses* statutorji u xi *overtime* (xhieda ta' Christopher Brincat l-Accountant ta' l-*employer*). Skond ix-xhieda ta' l-istess attur huwa jaghmel xi xoghol *part-time* ta' ftit sieghat fil-gimgha ma' certu Donald Borg pero' ma pprecizax kemm dana jirrendielu.

Il-konvenuta ma tahdimx. Fil-prezent tidher li qieghdha tippercepixxi ammont ta' xi haga 'l fuq minn tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar mis-Servizzi Socjali. It-tfal ukoll jikkontribwixxu xi hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar peress illi jghixu fid-dar maghha u tehdilhom hsieb tal-bzonnijiet kollha taghhom, minkejja illi Clifford kellu incident awtomobilistiku u almenu f'Mejju tas-sena 2001 ma kienx qed jahdem. Hija ppruvat issib diversi mpjiegi minghajr success u fil-prezent ma kienet qed tfittex ebda mpjieg. Ir-ragel kien qed jaghtiha hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2000 pero' mhux il-hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar kif din is-somma kienet giet awmentata minn din l-istess Qorti fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2002.

Iz-zewg partijiet elenkaw fid-dettall l-obbligi finanzjarji rispettivi li kellhom u, partikolarment fil-kaz tal-konvenuta, il-bzonnijiet specjali ta' xi kura medika.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tapprezza d-diffikultajiet partikolarti tal-konvenuta milli ssib impjieg. Hija mara ta' tnejn u hamsin (52) sena li ghandha wkoll xi problemi ta' sahha fl-istess waqt li ma ghandhiex xi kwalifiki partikolari biex jinducu lil min ihaddem biex jimpjega mara ta' l-eta' taghha. Fil-kuntest tat-talba odjerna anke li kieku l-konvenuta kellha b'diffikulta' kbira ssib xi impjieg, konsegwenza ta' dan hija titlef il-beneficcji socjali li qed tircievi, ma tkunx tista' hsieb aktar it-tfal li huma minkejja li maggorenni, qed ighixu maghha, bil-possibbilita' li anke l-introjtu li qed jaghtuha t-tfal tispicca. F'dan ir-rigward il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mil-lat sew legali sew socjali li thalli lil din il-mara tkompli tkun mara tad-dar kif kwazi dejjem kienet u tkompli tiehu hsieb it-tfal ta' l-istess kontendenti.

Ikkunsidrat:-

Il-partijiet isseparaw konsenswalment u dan il-fatt, minkejja dak li jsostni l-attur, ghandu l-konsegwenzi legali tieghu in vista tal-principji kollha ezistenti fil-materja illi l-obbligazzjonijiet kontrattwali, volontarjament assunti, iridu jkunu rispettati;

Il-kuntratti ta' separazzjoni konsenswali pero' huma kuntratti partikolari u normalment jittrattaw tlett tipi ta' obbligazzjonijiet - dawk purament personali, dawk purament proprietarji, u dawk misti. Fl-obbligazzjonijiet purament personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu. Ghall-kuntrarju, per ezempju, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni reciproka tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti hija totalment marbuta bil-kunsens tal-partijiet u dak deciz minnhom ma jistax jigi varjat ikunu x'ikunu c-cirkostanzi li jinqalghu. Il-pagament ta' l-alimenti u mill-1993 id-decizjoni dwar id-dar konjugali jappartjenu minn dawk l-obbligazzjonijiet li ghandhom natura mista peress illi hemm l-elementi tal-personali u tal-parafernali. Hu ghalhekk illi f'kazijiet fejn din il-materja tkun <u>giet deciza mill-Qorti stess</u> il-ligi tipprovdi illi fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet <u>f'kaz ta' tibdil fic-cirkostanzi</u> l-

Qorti tista' tordna li l-manteniment ordnat jinbidel jew tbiddel dawk il-provvedimenti fir-rigward tad-dar matrimonjali (Artikolu 54 (7) u 55 A (2) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16).

Fil-kaz prezenti pero' apparti mill-fatt illi l-attur kien huwa stess illi accetta jhallas il-manteniment pattwit lill-martu l-konvenuta, ic-cirkostanzi tieghu, jekk inbidlu kif fil-fatt inbidlu, inbidlu ghall-ahjar u mhux ghall-aghar (minkejja dak indikat minnu fil-paragrafu 3 tar-risposta tieghu tal-25 ta’ Marzu 2002 ghar-rikors tal-konvenuta), fl-istess waqt li wiehed ma jistax ighid li naqsu l-bzonnijiet tal-konvenuta mid-data tal-kuntratt hlief li forsi wiehed mit-tfal f'dak iz-zmien kien minuri w illum huwa maggorenni, minkejja wkoll li l-manteniment ghall-minuri kien gie stipulat separatament minn dak tal-mara fil-kuntratt fuq imsemmi.

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna pero' probabbilment konxja minn uhud mill-principji fuq enuncjati evolviet f'materji bhal dik in kwistjoni id-dottrina tan-*nemo ad impossibilia tenetur* li applikat ghal dawn il-kazijiet wasslet ghal diversi sentenzi fejn il-manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali gie varjat mill-Qorti a bazi ta' dan il-principju. Biex ikun applikabbili dan il-principju ghalhekk huwa ta' aktar rilevanza

l-element ta' l-impossibbilita' milli dak tat-tibdil fic-cirkostanzi. Mill-banda l-ohra jrid verament ikun hemm impossibbilita' ta' min qed jitlob biex jitnaqqas l-ammont in kwistjoni w impossibbilita' ma tfissirx tbatija jew sagrificcju li jridu jigu sofferti minn min bl-agir tieghu volontarjament accetta certu kondizzjonijiet f'kuntratt konsenswali.

Konsiderat il-punti ta' dritt imsemmija w applikati ghall-fatti ta' dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi tkun qed issir gustizzja mal-partijiet kollha jekk il-manteniment jigi ridott ghal mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar u dana mill-1 ta' Gunju 2002 minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe bilanc dovut lill-konvenuta ghall-arretrati ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fix-xahar dovuti minn Jannar tal-2001 sa Mejju tal-2002 f'kaz illi dawn ghadhom ma thallsux.

Din il-kawza hija ghalhekk ulterjorment u finalment deciza billi l-Qorti tiddisponi mit-tielet u r-raba talbiet attrici billi tilqaghhom fis-sens illi tiddikjara illi huwa impossibbli ghall-attur li jhallas il-manteniment stabbilit kontrattwalment fl-att notarili tal-31 ta' Ottubru 1996, tillikwida mill-gdid il-pagament pagabbli mill-attur lill-konvenuta fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar u tiddikjara illi l-manteniment hekk likwidat

ghandu jiehu effett mid-data tal-1 ta' Gunju 2002. Tiddikjara wkoll illi dan l-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-attur mill-*employer* tieghu u jithallas direttament lill-konvenuta. Dan ghandu japplika wkoll, f'kaz li ghadhom dovuti, ghall-bilanc ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fix-xahar kif fuq spjegat li ghandhom ukoll jinqatghu mill-paga ta' l-attur b'rata mensili ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) fix-xahar addizzjonali ghall-mitt lira Maltin (Lm100) kull xahar u dan ghal-sbatax (17)-il xahar mill-1 ta' Gunju 2002 sakemm dawn l-arretrati jigu saldati.

Ghandu jkun ovvju li l-konvenuta ma ghandha ebda tort fil-proceduri odjerni li gew instigati mill-attur minhabba l-agir irresponsabbli tieghu u ghalhekk huwa ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-kawza.

Deputat Registratur

rf.